# Malta, Atlantis u Grognet



*riċerka ta'* **Francis GALEA**
*(Dip. in Journalism)*

**Iben** Ġanbatista u martu Maria Amalja mwielda Marchesi twieled il-Belt Valletta nhar id-19 ta' Frar 1774. Bħalma ġara fil-każ ta' ħutu, George ġie mgħammed fil-knisja ta' San Duminku. Huwa beda l-istudju tiegħu f'Malta u barra biex tħarreġ sew fis-suġġett tal-matematika u aktar tard fl-inġinerija u l-arkitettura. Il-familja Grognet ta' dixxendenza Franċiża sabu ruħhom Malta wara l-qagħda mwiegħra li ħolqot it-tmexxija tar-Re Lwiġi XIV. B'hekk, meta feġġet il-qawwa u l-ħila ta' Napuljun Bonaparti, Grognet sar ammiratur jekk mhux dixxiplu tiegħu għaliex bħala żagħżugħ inġibed lejn ir-riformi kbar li daħħal fi Franza u l-Ewropa. Tul is-snin ta' studju Grognet studja l-Latin, il-Grieg, it-Taljan u l-Franċiż u aktar tard tħarreġ fil-lingwi antiki u orjentali biex sar filologu mill-aqwa. Għal tmintax-il sena huwa serva taħt Napuljun Bonaparti, fid-Dipartiment Ċivili u Militari ta' l-Inġinieri f'bosta pajjiżi fosthom fl-Eġittu.

Meta l-mixja u l-popolarità ta' Napuljun bdiet tbatti, Grognet beda jfittex x'se jagħmel b'ħajtu. Bejn l-1810 u l-1814 għex f'Ruma fejn ħadem u stinka bl-istudju u t-tiftix avventuruż u ltaqa' ma' l-arkeologu u kittieb magħruf, il-Markiż D. Fortia d'Urban.

Billi ra kemm dan iż-żagħżugħ kien midħla tas-suġġett ta' l-arkeoloġija ġiegħlu jissieħeb fl-Akkademja Arkeoloġika tal-Kampidolju. L-arkitett Malti, tant ħalla impressjonijiet tajba fl-imsieħba kittieba u intellettwali fi ħdan din l-Akkademja li ħallewlu f'idejh it-tiftix u l-kitba dwar il-kontinent gżira ta' Atlantide. Grognet de Vassè daħal għal dan ix-xogħol b'ruħu u ġismu biex joħroġ provi b'saħħithom li l-gżejjer Maltin huma parti mill-fdal tal-gżira-kontinent Atlantide! Tant ħadem, tkellem u ta ħin għal dan il-proġett li bosta kittieba, fosthom E.B. Vella, iħarsu lejh bħala bniedem ħassieb u filosfu, li kważi tbellaħ iqalleb u jhewden dwar is-suġġett ta' Atlantide.



*George Grognet de Vassè*

Fis-sena 1826, Grognet ġiet f'idejh ħaġra stramba li nstabet f'bitħa fl-Imdina, li fuqha kien hemm skrizzjonijiet li skond hu kienu ta' qabel id-dilluvju u li n-natura ta' l-inqix tal-kitba kienet Atlantika-feniċja.[1] Grognet bagħat din il-ħaġra lill-Akkademja Asjatika ta' Pariġi biex isir l-istudju meħtieġ fuqha li welldu aktar kwistjonijiet u kontroversji. Minkejja li din is-sejba flok issarfet f'tifħir, ħolqot ħafna għajdut u dubji tant li anke riedu jgħidu li kienet sejba-finta, Grognet ma qatgħax qalbu. Anzi ssokta bil-ħsieb li jsib tarf dak li kien ilu jinkiteb dwar Atlantis, iżda fuq kollox biex jipprova li l-kitba tal-filosfu Grieg Platun ma kinitx ħrafa.

Il-gżejjer tagħna nqisuhom bħala żewġt iqċaċet f'nofs il-baħar Mediterran. Jekk immorru lura fl-istorja għall-ħabta ta' 2,300 sena ilu nsibu li Platun (427-347 q.ż.) f' "*Timaeus*" u "*Critias*", kiteb il-ġrajja li kien ilha tintqal bil-fomm minn ġenerazzjoni għall-oħra dwar il-kontinent ta' Atlantis. It-teoriji, fosthom dik ta' Ignatius Donnelly (1831-1901) li dan il-kontinent kien fl-Atlantiku għebu wara studju li sar fuq il-qiegħ ta' dan l-oċean ftit wara l-1960. Fl-1900, l-arkeologu Sir Arthur Evans skava l-palazz ta' Knossos fi Kreta, biex beda l-istudju fuq din iċ-ċiviltà qadima li għal xi żmien kienet meqjusa bħala parti mill-mitoloġija. Splużjoni kbira li seħħet madwar 3,620 sena ilu kawża ta' żbroff kbir tal-vulkan Thera, illum magħrufa bħala Santorini, qerdet u radmet ċiviltà sħiħa, li mill-iskavi u s-sejbiet bosta arkeoloġisti laqqmu l-lok bħala Pompej preistoriku.

Wara, diversi kittieba bdew isostnu li Atlantis kienet fil-Mediterran, u l-għadd kbir ta' gżejjer fosthom Malta[2] huma l-qċaċet ta' dan il-kontinent li fih għexet u kattret waħda mill-eqdem ċiviltajiet bikrin fid-dinja.

Il-kontinent Atlantis, minbarra f'Thera, kien suspettat li kien Troy, u wara studju fit-tul u dettaljat ħasbu wkoll f'Tiahuanaco fil-Bolivja inkella f'San Lorenzo mżejjen bil-kultura Messikana. Iżda tgħid din hija xi ħrafa jew leġġenda oħra? Jew inkella hija parti oħra mill-ġrajja mdallma tal-bidu tal-bniedem kult li wara dan id-diżastru, dawk li ħelsuha saru t-tribujiet imxerrda max-xtut tal-Mediterran fejn bdew iċ-ċiviltajiet ta' żmien il-ħaġar?[3] Minkejja li Sergi ma jwarrabx għal kollox l-idea ta' dan il-kontinent, huwa jsostni li jekk xi darba kien jeżisti, dan seħħ qabel iż-żmien kwaternarju u għaldaqstant għereq taħt l-ilma ferm qabel ma kellu żmien biex fuqu jgħammar il-bniedem.[4]

Fl-analiżi tal-kitba ta' Platun, Grognet kiteb: "*E di più le 3 colonne di Ercole, come nella mia Carta si vedono, in un luogo del Littorale detto Elbenia e Saffran, e più ancora dalle Sirti, che in que'luoghi lasciò, al dir di Platone, per i cui bassi fondi, la navigazione rimaneva impedita, e poi il nome di Sirte vien da Carta(cirta), che significa (divulsio) distaccamento. Più perchè il Vero Gadeiros sono le due Paludi ivi vicine, da Għadira (palude).*"[5]


COMPENDIO,
OSSIA
EPILOGO ANTICIPATO
DI UN OPERA ESTESA
SULLA PRECISA SITUAZIONE
DELLA FAMOSA SOMMERSA
ISOLA ATLANTIDE,
DA PLATONE, E DA ALTRI ANTICHI
RICORDATA, E DESCRITTA,
E DELLA QUALE LE ISOLE DI
MALTA, GOZO E COMINO
SONO CERTISSIMI RESTI:
SAGGIO ARCHEOLOGICO, FISICO, E FILOSOFICO
DELL'INGEGNERE-ARCHITETTO GIORGIO GROGNET
SOCIO NON RESIDENTE DELL'ACCADEMIA
CELTICA DI PARIGI,
DELL'ARCHEOLOGICA DEL CAMPIDOGLIO DI ROMA,
CIOÈ IN TEMPO DELLA SUA EREZIONE, VALE A DIRE NEL 1810.
E DI ALTRE SCIENTIFICHE, E LETTERARIE DI EUROPA,
CON UNA CARTA IDRO-GEOGRAFICA, ED ARCHEOLOGICO-FISICA
FATTA DALLO STESSO IN 1840, CHE DIMOSTRA
LA SITUAZIONE
DELLA SOMMERSA ISOLA ATLANTIDE,
ED ALTRE PARTICOLARITÀ A QUELLA ATTINENTI.

.... Sed quod magis ad nos Pertinet, et nescire malum est, agitamus.
(Horat: Satyr: 6a, Lib: II.)

Quel, che più da vicin ci preme, e cale stiam discutendo, e il non saperlo è male. *(Trad. del qui esposto Testo di Orazio.)*

MALTA;
F. W. FRANZ TIPOGRAFO.
1854.

L' I. A. Giorgio Grognet

*Il-faċċata tal-ktieb li Ġorġ Grognet ippubblika fl-1854.*

L-istudju ġeoloġiku juri li l-blat tal-gżejjer tagħna nbena f'qiegħ il-baħar mit-taħlita ta' naqal, fdalijiet ta' annimali, fosthom fjammiferi u qroll tul l-aħħar medda ta' tletin miljun sena. Fil-kitba ta' Grognet inkomplu naqraw: "*... che le rocche di Malta non erano rocche primitive, ma bensi di seconda formazione, come in fatto si vede, che la pietra di Malta sia un composto di Malta, che il detto fiume traportava, e che tanti corpi marini, che si trovano nei teneri sassi di Malta.*" Fl-1865 fil-franka, instabu partijiet minn xedaq ta' ħuta li ma għadiex teżisti u wara studju li għamel fuqha il-Professur Owen kien iddikjara li: *this fine addition to Miocene Tertiary fishes should be known by the name Stereodon Melitensis.*[6] L-ewwel formazzjonijiet seħħew b'saff wara saff ta' algi kalkarji u ramel. Mat-tibdil ambjentali f'qiegħ il-baħar, il-pożizzjoni ta' l-art li kellha ssir Malta, setgħet niżlet aktar 'l isfel fejn ma kienx hemm daqstant kurrenti, u hekk beda jistrieħ in-naqal u l-ħama. Qajl qajl, il-baħar beda jitbaxxa, u l-blat reġa' beda jersaq lejn il-wiċċ. B'hekk, beda jifforma ruħu saff ieħor, l-aktar bir-ramel, ħxejjex tal-baħar u mill-ġdid bl-algi. Madwar għaxar miljun sena ilu seħħ taqlib sħiħ fid-dinja, tant li l-artijiet u l-ibħra ħadu sura ġdida, biex dawn il-blatiet kienu bħal sikka ftit 'l isfel minn wiċċ il-baħar. F'dan it-taqlib bdew jixirfu f'wiċċ il-Mediterran dawk li huma l-gżejjer Maltin.[7]

Minbarra dawn is-saffi li nħadmu fiż-żmien Oligoċeniku-Mioċeniku nsibu dawk li jissejħu depożiti Kwaternarji ta' xi ħames miljun sena ilu li ffurmaw is-saff Pleistoċeniku meta l-art kienet 'il fuq mill-baħar. Fl-1970, xjenzati fuq il-vapur ta' riċerka Amerikan *Glomar Challenger*, ħaffru madwar erbatax-il ħofra u f'madwar mija u sebgħin metru taħt qiegħ il-baħar Mediterran sabu saffi kbar ta' melħ - *anhydrite and halite*. Dawn iż-żewġ minerali ta' melħ isiru biss kawża ta' evaporazzjoni. Fl-istess saffi nstabu wkoll algi li jinħtieġu d-dawl biex jeżistu. Minn dawn is-sejbiet, ix-xjenzati bir-raġun ikkonkludew li bejn sitta u ħames miljun sena ilu, il-Mediterran ingħalaq[8] u sar għadira biex f'temp ta' ftit mijiet ta' snin sa madwar elf sena evapora u sar irqajja ta' għadajjar żgħar biex wara xxotta għal kollox.

B'hekk il-gżejjer ta' Ċipru, Kreta, Pantellerija, Malta u oħrajn jistgħu jitqiesu li telgħu mill-baħar u saru bħal għoljiet jew muntanji fl-art flok fil-baħar Mediterran. Id-depożiti Kwaternarji, l-aktar li jinsabu huma fi rqajja qrib ix-xtut, kif ukoll fil-widien, xquq jew għerien. Minn studju li għamel Murray fuq dawn id-depożiti f'disa' għerien, sab li erba' għerien kienu fis-saff tal-franka, tlieta fis-saff tal-qawwi ta' taħt, filwaqt li wieħed biss kien fil-qawwi ta' fuq. Cooke jikkummenta li l-kwantità kbira ta' ċagħaq l-aktar ta' lewn iswed li nstab f'dan is-saff iqanqal kurżità kbira għaliex il-kompożizzjoni

tiegħu hi differenti għal kollox min-natura tas-saffi tal-ġebla Maltija.[9] L-ispeċi t'annimali li nstabu f'dawn id-depożiti kienu kollha ta' dawk li jgħixu jew kienu jgħixu fl-Ewropa u ma nstab xejn li kellu l-għeruq jew in-nisel tiegħu fl-Afrika biss. Trechmann,[10] filwaqt li jikkwota l-fehma ta' L. Soos ħass li hemm rabta bejn il-fawna f'Malta ma' dik ta' Sqallija iżda separazzjoni mill-Afrika ta' Fuq; jara probabbilità li ż-żewġ kontinenti kienu magħquda b'pont, iżda Malta ġiet maqtugħa mill-Afrika ferm qabel ma nfirdet minn ma' Sqallija. Il-professur Borg li daħal f'dan il-qasam b'analiżi tal-flora u l-fawna Maltija mqabbla ma' dik tax-xtut tal-Mediterran jagħti teorija ferm aktar b'saħħitha. Huwa jsostni li l-gżejjer Maltin kienu parti minn dan il-pont li għereq fi tmiem iż-żmien Mioċenu u l-bidu tal-Plioċenu. Mill-konklużjonijiet mifhmu li l-gżejjer tagħna l-ewwel infirdu minn ma' Sqallija u wara minn mal-kontinent ta' l-Afrika.[11]

Fl-istess żminijiet kien hemm taqlib ieħor fil-klima tad-dinja. Nistgħu ngħidu li minkejja li kien għadu ż-żmien tas-silġ, it-temperatura bdiet tkun ftit aktar sħuna. B'hekk kien hawn evaporazzjoni qawwija tant li l-għadira tal-Mediterran bdiet tixxotta, u f'ħafna bnadi setgħet kienet fis-sura ta' għadd ta' għadajjar imdaqqsa t'ilma mielaħ. Għal din ir-raġuni jista' jkun li l-kanal ta' bejn il-blata Maltija u dik ta' Sqallija li mhux fond aktar minn mitt metru, ixxotta jew kien kważi xott, biex għen lil xi tipi t'annimali jirgħaw u jivvjaġġaw lejn Malta. Ġara li fi żmien is-silġ bosta mill-ilmijiet tad-dinja kienu ffriżati u għalhekk f'ħafna inħawi l-ammont ta' xita naqas. B'hekk ġara li fejn illum ċerti inħawi jkollhom ħafna xita, f'dak iż-żmien kienu kważi xotti u bnadi li llum igawdu x-xita fix-xitwa biss kien ikollhom ix-xita tul is-sena kollha.





*Żewġ veduti li jikkonfermaw li l-gżejjer tagħna kienu jagħmlu parti minn art ferm ikbar. Dawn il-postijiet huma Ras in-Newwiela f'Għawdex (qabel ma nidħlu x-Xlendi nin-naħa ta' l-Imġarr).*

Din il-migrazzjoni ma seħħitx fi żmien wieħed biss. Hu stmat li l-gżejjer tagħna kienu magħqudin mal-kontinent ta' l-Ewropa, allura ma' Sqallija darbtejn, 127,000 sena ilu meta fforma s-saff tal-qiegħ t'Għar Dalam u t-tieni darba bejn l-20-18,000 sena ilu. Ir-rabta fiż-żmien Pleistoċenu tqanqal id-dubju ta' kif l-annimali bħal iljunfant u ippopotamu niżlu lejn art bi klima aktar sħuna u l-bniedem Paleontoliku li ma jimxix biss bl-istint m'għamilx l-istess. L-aħħar żmien tas-silġ kien madwar 12,000 sena ilu, biex ftit wara skond is-sejbiet u d-dati li għandna, għex fuq dawn il-gżejjer il-bniedem Neolitiku ta' żmien l-imqades. It-teorija tar-rabta mal-kontinent tibqa' biss jekk naslu li nippruvaw li f'dak iż-żmien il-bokka ta' Ġibiltà kienet magħluqa.[12] Dawn it-teoriji m'humiex mibnija fl-ajru u lanqas għandna għalfejn narawhom strambi l-aktar meta llum ġie ppruvat li mat-tliet mitt miljun sena ilu, il-baħar Atlantiku ma kienx jeżisti għaliex l-art ta' l-Amerika ta' fuq u t'isfel kienu magħquda mal-kontinenti ta' l-Ewropa u l-Afrika.

W.B. Wright fil-ktieb tiegħu,'*The Quaternary Ice Age*, kiteb:

"*Moreover, as the evaporation in the Mediterranean exceeds the supply of water from the inflowing rivers, it is clear that if ever the general level of the sea sank sufficiently low to leave the Straits of Gibraltar dry, the basin must have had an interior drainage, and consequently been occupied by a salt lake. As a matter of fact, it is clear from the configuration of the sea-bottom that there must have been two lakes, one in the eastern and one in the western part of the basin. The eastern lake, which received the waters of a number of large rivers, including the Danube and the Nile, was probably fresh and overflowing into the western.*"[13]

Xhieda ta' dan it-taqlib għadu jidher fil-wiċċ tal-gżejjer tagħna, għaliex il-punent ta' Malta għadu sa llum mifrud mill-parti tal-Lvant mill-Madliena sa Fomm ir-Riħ. Il-qasma u s-saffi tal-blat fl-inħawi ta' San Pawl tat-Tarġa fejn mill-Mosta tinżel għal Għajn Riħana u Burmarrad juru li l-parti t'isfel xi darba kienet livell ma' dik tal-Mosta, Iżda b'caqliq kbir ċediet u sfrundat biex niżlet l-isfel.[14] Diżlivell ieħor seħħ lejn in-naħa taż-Żurrieq li jidher li kien aktar qawwi minn dak tal-Mosta, tant li l-effett tiegħu juri li baqa' sejjer biex laqat ukoll il-gżira t'Għawdex. F'dan iċ-ċaqliq, Filfla li kienet waħda mill-għoljiet tal-gżira ta' Malta, inqatgħet biex ġiet blata waħidha ħames kilometri bogħod miż-Żurrieq. Wara ġew it-terremoti u d-dilluvji li tul iż-żminijiet biddlu wiċċ id-dinja, ifisser ukoll li l-livell tal-baħar tbaxxa u allura l-art kienet akbar.[15] Hu stmat li dan iċ-ċaqliq waqaf biex l-art u l-klima bdew joqogħdu u




*Mappa meħuda mill-ktieb imsemmi qabel li turi l-vera pożizzjoni tal-gżira ta' Atlantis skond l-Inġinier Ġorġ Grognet de Vassè fl-1840. Dan jindika ż-żmien twil li Grognet ħadme fuq dan l-istudju.*

jistabilixxu ċerta trankwillità madwar għaxar t'elef sena ilu. Minkejja li tibdil bħal dan jista' jerġa' jseħħ, għaliex partijiet mill-art jibqgħu ħajjin u jiċċaqilqu, dan jieħu miljuni ta' snin u mhux tibdil li jiġri f'daqqa.

Għar Dalam hu post li jista' jfassal il-passat tal-gżejjer tagħna. Ħafna jbassru li l-fdalijiet f'dan l-għar għandhom mal-250,000 sena. Żgur li dak iż-żmien Malta ma kinitx bħalma nafuha llum. Jidher li dan l-annimali kienu l-vittimi tad-dilluvji u l-bidla fid-daqs ta' Malta, iżda ma nistgħux naqtgħuha li ma kienx hawn nies li setgħu għamlu użu min dawn l-annimali. Huwa minnu wkoll li wħud minn dawn l-annimali ġew imkaxkra bl-ilmijiet tul il-widien u ddepożitaw ruħhom fil-għar.

Fil-bidu dawn il-gżejjer kienu bħal xagħri. Ma kien hawn l-ebda bini, u l-firxa ta' l-art kienet miksura biss b'xi għolja u ftit tas-siġar[16] 'l hawn u 'l hinn. Anke minn rapport li għamlet il-Kummissjoni lil L'Isle Adam fl-1530 jidher li dawn il-gżejjer kienu blat għarwien bi sħana terribbli l-aktar fis-sajf, u residenzi kważi griebeġ miżerabbli li fihom kienu jgħixu l-Maltin. Fir-rapport tissemma' l-ġebla Maltija bħala ratba u li tista' tinħadem bla tbatija.[17] Kif feġġew l-ewwel bnedmin li nafu bihom fuq dawn il-gżejjer, bdew jagħmlu użu mill-għerien. Irranġawhom, forsi wkoll tellgħu xi ħitan tas-sejjieħ u għamlu xi soqfa biz-zkuk u l-ħxejjex nixfin u hekk ikollhom id-dell tax-xemx u l-kenn mix-xita u l-kesħa. Il-bniedem bikri kien nieqes mhux biss mill-materja prima biex jibni, iżda lanqas kellu mezzi ta' trasport.

Fil-gżejjer tagħna nsibu tliet tipi ta' ħamrija, il-ħamra, il-kannella u tal-bajjâd. Nistgħu ngħidu li kull tip huwa marbut mas-saff tal-blat ta' taħtu, għaliex il-ħamrija hija r-riżultat ta' l-effett ta' l-elementi fuq il-blat.[18] Il-ħamrija ta' fuq il-qawwi tal-wiċċ hija ħamra, mhix magħquda u fiha ssib iċ-ċagħaq xi ftit għat-tond. Dik fuq il-qawwi ta' taħt hija ħamra wkoll iżda aktar magħquda għax fiha t-tafal u nieqsa miċ-ċagħaq. Fiż-żewġ każijiet il-ħamrija ffurmat mit-tifrik tas-saff tal-blat u minn dan nintebħu wkoll li fuq dan is-saff ma kien hemm l-ebda saff ieħor, filwaqt li minn dak iż-żmien 'l hawn, il-gżejjer tagħna qatt ma reġgħu niżlu taħt il-livell tal-baħar.[19] Dan it-tagħrif xorta jista' jiġi magħruf minkejja li tul is-snin ħafna ħamrija nġarret minn banda għall-oħra u tħalltet. Il-mod ta' kif huma mqassma l-għelieqi, l-aktar kif ġew ikkultivati l-ġnub ta' l-għoljiet huwa xhieda ta' kemm il-Malti dejjem ħadem bis-sħiħ tul l-eluf ta' snin li għaddew sabiex jagħmel użu tajjeb minn kull roqgħa art. Minn dan għandna turija li l-ħamrija ffurmat eluf ta' snin ilu u ma nġabet minn imkien ieħor.[20] Jirriżulta wkoll li l-ħamrija hija ferm aktar fonda fejn hemm ir-

rina, it-tafal jew il-franka milli fuq is-saffi tal-qawwi tal-wiċċ jew ta' taħt, għaliex dawn it-tliet saffi għandhom kontenut tal-karbonat tal-kalċju u fosfat tal-ġir. B'hekk, il-proċess tat-titjib fil-kwalità tal-ħamrija jkompli f'dawk it-tipi ta' ħamrija li l-elementi għadhom jaħdmu fuqhom. Fost dawn għandna l-kannella u tal-bajjâd li għadhom jiġu sostnuti mill-elementi sal-ġurnata tal-lum.[21] Dan għaliex il-ħamrija ħamra hija riżultat tax-xita aċiduża li kienet tinżel sa qabel 10,000 sena ilu.

Minbarra dan l-effett kimiku ta' l-ilma tax-xita hemm ukoll l-effett ta' l-ilma ġieri u t-tektik ta' l-ilma tax-xita. It-taħbit tal-mewġ tal-baħar max-xtajtiet, it-tibdil fit-temperatura minn lejl għan-nar u minn staġun għall-ieħor, kif ukoll ir-riħ iħallu r-riżultat tagħhom. Imbagħad irridu nżommu quddiemna, minkejja li mhux dejjem narawh, l-effett li jseħħ taħt il-wiċċ ta' l-art fost oħrajn l-għeruq tas-siġar. kif ukoll l-ilma li jsaffi fix-xquq u s-saffi tal-blat.[22]

Mill-wirt li fadlilna, jingħad li l-ewwel bnedmin rifsu fuq gżiritna madwar sebat elef sena ilu. Iżda anke jekk nintrabtu mal-fdalijiet, xorta waħda rridu mmorru xi ftit mijiet ta' snin oħra lura. X'hemm x'wieħed jgħid dwar id-dras ta' bniedem li nstabu f'Għar Dalam, meta nafu li l-parti l-kbira tal-fdalijiet ta' dan il-bniedem sibnihom għaliex kien imdorri jidfen il-mejtin fl-għerien?[23] Dawn iż-żewġt idras instabu meta tnaddaf it-tielet saff. Jekk dawn huma tan-*Neanderthal*, ifisser li għal ħafna antropoloġisti f'Malta kien hawn l-ewwel speċi ta' bniedem madwar tletin elf sena ilu. U jekk il-bniedem ma kienx ilu daqstant fuq din il-gżira, ladarba tqanqal dubju serju dwar id-data ta' dawn id-dras, allura minn fejn ġie?[24] U kemm ġew nies? Allura kif rifsu fuq din il-gżira dawn in-nies ma kellhom xejn x'jagħmlu għajr li jibnu l-imqades?

Waħda mill-ħrejjef ta' Patri Manwel Magri hija dwar l-ewwel nies f'Malta. Fiha jgħid li: "Meta kienu f'Malta jmorru bix-xini fl-art? Meta l-art kienet watja, meta kienet ta' sultan wieħed, meta Malta kienet mgħaqqda ma' Għawdex u Kemmuna u Filfla u dawn kollha ma' l-art tal-Lbiċ, qabel l-art ma nfaqgħet. Jgħid ukoll li bix-xini jimxi fl-art kont issiefer. U li meta ġew missirijietna hawn ma kienx hawn nies u la bini u la siġar. Ma kienx hawn ħlief sagħtar. Fejn toqgħod in-nies xejn, ħlief xi għar f'xatt il-baħar jew ġewwa l-art."[25]


*Il-bust ta' Grognet fuq il-qabar tiegħu fir-Rotunda fil-Mosta.*

Ejjew inħarsu lejn ix-xogħol tal-ġebla li hemm fil-maqdes ta' Ħal Tarxien, ta' 5,500 sena ilu. Skultura simili għal dik ta' l-annimali nsibuha f'Mohengo Daro, l-Pakistan. Imbagħad hemm dawk iċ-ċrieki jew spirali - bħal labirinti fis-sura ta' galassja jew il-*milky way* jew inkella l-għajnejn tal-mara, omm divina li kienu jqumu, li huma komuni ħafna f'Mycenae[26] f'Gavr'innis fuq Ile aux Chevres lejn il-punent ta' Brittany u Castelluccio fi Sqallija,[27] fl-Iskandinavja, fuq il-peninżula ta' l-Iberja, f'Loughcrew u saħansitra fi New Grange fl-Irlanda.[28] L-istramba hi li l-imqades ta' Malta huma l-eqdem! Ta' min isemmi li l-bidu ta' dawn iċ-ċrieki jew spirali jinsabu fil-forma ta' ħalq ta' serp. Minkejja li s-serp jew il-lifgħa f'pajjiżna m'humiex ta' ħsara jew periklu, il-poplu għandu stmerrija kbira lejn din l-ispeċi. Iżda minn fdalijiet li għandna jidher li fis-snin ta' qabel żmienna, il-qima u t-twemmin fix-xbieha tas-serp kienet il-kult jew parti minnu. Is-serp li huwa marbut mal-qasam tal-mediċina u l-fejqan, niltaqgħu ma' suriet tiegħu fi Mnajdra, Ġgantija, Ħal Tarxien kif ukoll fl-Ipoġew.[29] Is-serp għall-Eġizzjani, Messikani, Griegi u n-nies tal-Perù u dawk ta' l-Afrika ta' fuq, jirrappreżenta l-vettura spazjali li wasslet lill-għalliema fuq din id-dinja. Tgħid missirijietna ltaqgħu ma' dawn l-ideat strambi u forsi rawhom ukoll? Kif kienu l-Maltin iħarsu lejn dawn in-nies li jżuruhom minn żmien għall-ieħor? Tgħid bħala allat? Jew kienu dawn in-nies li għexu fil-gżejjer tagħna, li milquta bl-iżolament u ċ-ċokon tal-gżejjer qatgħuha li ħafna minnhom jitilqu u jxerrdu t-twemmin u s-sengħa tagħhom f'artijiet oħrajn!

Ġorġ Grognet de Vassè laħaq ippubblika *Su di un Idoletto Atlantico, una Moneta e un Capitello Atlantico* (18); *Che Malta, Commino e Gozo siamo gli avanzi della antica Atlantide*; u *Isola dell'Atlantide* (1854). Din ir-riċerka li bdiha 'l fuq minn tletin sena qabel, jidher li ssokta jitkisser fuqha anke meta kellu f'idejh il-proġett tar-Rotunda u nistgħu ngħidu li l-għan ewlieni ta' ħajtu nbena fuq is-sisien li jsolvi l-każ ta' Atlantis! Mir-referenzi li nsibu fil-ktieb '*Isola dell'Atlantide*' nsibu xhieda li minbarra l-kwantità kbira ta' kotba li qara, kellu jżur bosta biblijoteki fi bliet Ewropej. Huwa kellu ħafna xogħlijiet ta' riċerka mibdija u spiss kien jgħid li 'l quddiem ried joħroġ aktar kotba fosthom dwar l-arkitettura ċivili u militari; l-istorja tar-Rotunda; ir-rabta ta' l-ilsna atlantiċi-maltin u stejjer ta' tiftix u avventuri li għadda minnhom tul ħajtu. Fost il-ħwejjeġ kbar li kien jitkellem dwarhom Grognet, insibu proġett ta' żvilupp fil-Kanal ta' Suez bil-għan li jgħaqqad il-Mediterran mal-Baħar l-Aħmar - ħaġa li seħħet erbgħin sena wara li ħolom biha hu; l-istess bħalma kien jemmen li l-Ingilterra tista' tingħaqad mal-kontinent permezz ta' mina li tista' tinqata' taħt il-baħar għal Franza - proġett li seħħ fi żmienna!

Nhar l-1 ta' Mejju 1820, fl-età ta' 46 sena żżewweġ lil Concetta Busuttil mill-Belt Valletta, fil-parroċċa ta' San Pawl fejn kienu jgħixu. Huwa kellu tifel li semmiegħ Aristeo, iżda martu mietet ftit tas-snin wara u ħallietu fi stat ta' iżolament u diffiċli aktar milli kien qabel ma żżewġitu. B'hekk, fl-età ta' 60 sena, nhar l-4 t'Awwissu 1834, Grognet iżżewweġ għat-tieni darba mara oħra mill-Belt li kien jisimha Ursola Ubaldini. Huwa interessanti li minkejja li dik il-ħabta huwa kien jgħix il-Mosta, Grognet xorta żżewweġ fil-parroċċa ta' San Duminku, il-Belt. Ursola għexet u ħadet ħsiebu sa ma miet fid-dar tal-Belt Valletta nhar il-5 ta' Settembru 1862. Iżda skond il-ftehim li sar fil-kuntratt tar-Rotunda, l-għada tal-mewt, Ġorġ Grognet de Vassè sarlu l-funeral u wara ndifen fil-kappella taċ-Ċintura fil-knisja tal-Mosta, fejn inħadimlu wkoll bust ta' l-irħam.

Ftit qabel ma miet Grognet ġie onorat mill-Gvern billi ħarġulu pensjoni ta' Lm100 fis-sena, liema flus gawda biss għal xi xahrejn. Mit-testment li għamel nhar l-4 ta' Ġunju 1861, joħorġu żewġ fatti siewja li jkomplu jirriflettu fuq il-karattru ta' dan l-arkitett. L-ewwel waħda li ħalla somma żgħira ħafna ta' flus lil martu u lil mart ibnu, ċerta Carmela mwielda Pace bħala rispett għal kulma għamlu miegħu fl-aħħar snin. It-tieni ħaġa li ħalla żewġ liri lill-ħabib tabib Luwiġi Calleja ta' kulma għamel miegħu u biex meta jmut jiċċertifika li l-ġisem żgur ikun bla ħajja li ma jmurx jindifen ħaj.

***Nota:*** Ikun tajjeb li nkunu minn ta' l-ewwel li f'din il-pubblikazzjoni nħabbru li aktar tard din is-sena, l-awtur Francis Galea se jippubblika l-ktieb dwar *Malta-Atlantis* li ilu jaħdem fuqu għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Hija x-xewqa tagħna, billi f'din ir-riċerka hemm enfasi qawwija fuq l-Arkitett George Grognet, li Francis Galea jagħmel preżentazzjoni tal-ktieb kontroversjali tiegħu ġewwa l-Mosta.
Għal aktar tagħrif ara **http://www.geocities.com/galeafrancis/writer.html**

*Referenzi*:


1. Mac Gill - ***Guide to Malta*** - 1839, p. 102 u MS. 614 Kap XXXVII.
2. Grognet, Georgio ***Epilogo dell'Atlantide*** (1854), p. 4-9.
   Borg, John - '***Remains of the Prehistoric Flora of Malta*** (1910), p. 43. ' "*...the submerged Atlantis to which manu ancient writers refer, and which when deprived of its legendary character will be found to apply to the submerged land between Malta and Africa. This submersion must have happened in the quaternary period, and at an epoch when the land was already inhabited by a civilized prehistoric people*."
3. Childe, V. Gordon - ***Dawn of European Civilization*** (1950), p. 7.
4. Sergi, Giuseppe - ***The Mediterranean Race - A study of the Origin of European Peoples*** (1901), pp. 58-59.
5. Grognet, (1854), p. 5.
6. Cooke, J.H. - ***Notes on Stereodon Melitensis, Owen*** (1891).
7. Murray John - ***The Maltese Islands, with Special Reference to their Geological Structure*** (1890). Schembri, Patrick J. - ***Oqsma tal-Kultura Maltija*** (1991), pp. 5-6.
8. HsÚ, Kenneth J, - ***The Mediterranean was a Desert*** (1987), pp. 61-62, u p. 127.
9. Murray, (1890), pp. 27-28.
   Cooke, J.H. - ***Notes on the "Pleistocene Beds" of Gozo*** (1891), p. 352.
   Cooke, J.H. - ***Notes on the "Pleistocene Beds" of the Maltese Islands*** (1896).
10. Trechmann C.T. - ***Quaternary Conditions in Malta*** (1938), p. 5.
11. Borg, (1936), p. 6 u 9. Ara wkoll Borg (1910), p. 41.
12. Murray, (1890), p. 3.
13. Wright, (1914), p. 249.
14. Murray, (1890), p. 4.
15. Sitchin, Zecharia - ***The 12th Planet*** (1978), p. 284. "*The sea levels were also lower because so much water had been captured as ice on the island masses. Evidence indicates that at the height of the two major ice ages, sea levels were as much as 600 to 700 feet lower than at present. Therefore there was dry land where we naw have seas and coastlines*."
16. Buxton, L.H. Dudley -"***Primitive Labour*** (1924), p. 115.
17. Murray, (1890). Jikkwota dak li kiteb Henry Seddan għoxrin sena qabel fil-ktieb: *Past and Present*.
18. Murray, (1890), p. 6. "*On the upper coraline limestone is the red clayey soil; on the outcrop of the stiffyellow and blue clays, sometimes mixed with detritus from yellow sand, it is blue or grey; on the upper series of the Globigerina limestone there is a whitish marly soil; and on the Franca again, red soil*."
19. Borg, (1910), p. 39.
20. Davy, John - ***Notes and Observations on the Ionian Islands and Malta*** Vol. 1 (1842), p. 389. L-awtur isostni li l-ħamrija tagħna tixxiebaħ ħafna ma' tal-gżejjer Ionian kif ukoll ma' ta' Sqallija u Kalabria.
21. Murray, (1890), p. 36.
22. Schembri, (1991), p. 11.
23. Clark & Piggott (1970), p. 50.
24. Bradley, R.N.- ***Malta and the Mediterranean Race*** (1912), p. 30.
25. Magri, Patri Manwel- Hrejjef Missirijietna- Kotba tal-Mogħdija taż-żmien, Malta (1904), p. 3.
26. Renfrew, (1973), p. 164.
27. Daniel, Glyn - ***The Megalith Builders of Western Europe*** (1963), p. 80-84.
28. Cohane, John Philip - ***The Key*** (1975). L-awtur jippreżenta ritratti ta' l-ispirali ta' New Grange u dawk ta' Ħal Tarxien, fejn ta' l-aħħar jidhru li huma ferm aktar irfinuti u dettaljati. Ara wkoll Daniel, (1963), p. 80.
29. Savona-Ventura & Mifsud (1999), p. 47.